DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 180179** **26. 01. 2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA**

***Il-programm annwali ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea diskuss waqt il-laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC***

Fl-ewwel laqgħa tas-sena, il-membri tal-MEUSAC iddiskutew il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2018 kif ukoll il-prijoritajiet tal-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Il-mira prinċipali tal-programm ta' ħidma se tkun li titlesta l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea f'oqsma prijoritarji ta' politika matul ix-xhur li ġejjin, dan fid-dawl li din is-sena timmarka l-aħħar sena sħiħa tal-mandat tal-Kummissjoni Ewropea mmexxija mill-President Jean-Claude Juncker. Flimkien ma' dan, il-programm ta' ħidma jinkludi inizjattivi li għandhom perspettiva li tħares aktar 'il quddiem, hekk kif l-Unjoni ta' 27 taħdem fuq il-futur tagħha għall-2025. Il-programm ta' ħidma jinkludi wkoll l-għaxar prioritajiet, fosthom is-Suq Uniku Diġitali, Unjoni tal-Enerġija reżiljenti li jkollha politika progressiva dwar it-tibdil tal-klima, kif ukoll politika ġdida dwar il-migrazzjoni.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali Aaron Farrugia, li mexxa l-laqgħa, qal li filwaqt li l-2016 kienet sena li offriet sfidi kbar għall-ekonomija ta' diversi stati membri, ir-riżultat tar-referendum ta' Brexit u theddida mill-partiti populisti, is-sena 2018 qed toffri raġġ t'ottimiżmu għall-*Eurozone*. "It-tema ta' *Europtimism* li ssemmiet bi prominenza f'Davos din il-ġimgħa għandha tkompli tkun spjegata lin-nies, u hawn fejn jidħol ir-rwol kruċjali tal-MEUSAC", qal Dr Farrugia. Huwa qal li l-Unjoni Ewropea reġgħet fiċ-ċentru tal-attenzjoni qisha dak il-*player* żagħżugħ, kunfidenti fih innifsu, u pożittiv miexi b'rasu mgħollija". Għaldaqstant, is-Segretarju Parlamentari aċċenna fuq l-importanza li l-MEUSAC tkompli torganizza djalogu soċjali u pubbliku mas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, sabiex dan l-ottimiżmu jiġi trażmess lill-pubbliku.

Dr Farrugia rrimarka li dan hu zmien eċitanti. Malta m'għadhiex aktar membru ġdid, mhux aktar sempliċiment tirċievi biss benefiċċji u l-preżenza tagħna fi Brussel hija stabbilita. Ma' din tiġi wkoll ir-responsabbiltà, responsabbiltà ta' tmexxija, responsabbiltà fuqna lkoll bħala ċittadini biex nieħdu sehem attiv biex infasslu l-ġejjieni tal-Ewropa.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Helena Dalli qalet li prijorità assoluta għall-2018 se tkun id-diskussjoni dwar il-qafas finanzjarju multiannwali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-pożizzjoni li se jieħu pajjiżna se taffetwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Il-Ministru spjegat li l-qagħda ekonomika ta' Malta avvanzat sew fl-aħħar snin, u b'ekonomija b'saħħitha u b'livell baxx ta' qgħad f'pajjiżna s-sitwazzjoni tagħna nbidlet.

Għalhekk il-Ministru Dalli qalet li l-pożizzjoni ta' pajjiżna se tittieħed wara li ssir konsultazzjoni mal-ministeri kollha u kif ukoll mas-soċjetà ċivili sabiex tiġbor kemm jista' jkun l-interessi ta' kulħadd.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Hawnhekk Dr Dalli appellat l-isħab soċjali u s-soċjetà ċivili biex jiddiskutu dawn is-suġġetti u jikkontribwixxu għal diskussjoni aktar wiesgħa. “Il-Gvern jibqa’ impenjat li permezz tal-MEUSAC, jisma’ lilkom bħala parti mill-proċess tat-tfassil tal-pożizzjoni li taddotta Malta fil-fora relevanti.”

Il-membri tal-MEUSAC ingħataw ukoll preżentazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fejn kien spjegat li l-mira ewlenija ta’ din il-Presidenza se tkun li tirrispondi għall-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej u li tibdel f’opportunitajiet l-isfidi li preżentament qed taffaċċja l-UE. Dan billi fost oħrajn issir enfasi fuq il-futur tal-ewropa u ż-żgħażagħ, is-sigurtà u l-istabbilità, l-ekonomija diġitali, u l-Balkani tal-Punent.